

Brussell, 20 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15742/25

EJUSTICE 64  
JURINFO 14  
JUSTCIV 194  
COPEN 362  
JAI 1747

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 802 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REGĠUNI DigitalJustice@2030

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 802 final.

Mehmuż: COM(2025) 802 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025  
COM(2025) 802 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**DigitalJustice@2030**

## DigitalJustice@2030

Il-kompetittività tal-UE se tkun qiegħda sserraħ dejjem aktar fuq id-diġitalizzazzjoni tas-setturi kollha, li se tixpruna l-investiment<sup>1</sup>. Id-diġitalizzazzjoni u l-varar tal-intelliġenza artifiċjali (IA) se jkunu essenzjali għall-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, b'mod partikolari wkoll fil-qasam tal-ġustizzja. Ninsabu fid-Deċennju Diġitali tal-Ewropa bl-ambizzjoni li sal-2030, l-UE jkollha s-servizzi pubbliċi ewlenin kollha disponibbli online. It-tir aħħari se jkun li tiżdied l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi billi jsiru diġitali b'mod awtomatiku, u b'hekk tiġi stimolata l-produttività<sup>2</sup>.

In-negozji huma aktar probabbli li jinvestu f'pajjiċi li fihom is-sistemi tal-ġustizzja jkunu effettivi, fejn l-aċċess għall-ġustizzja jkun garantit, il-kwalità tal-ġustizzja tkun għolja, u tiġi żgurata t-trasparenza. Li l-ġustizzja ssir b'mod effiċjenti jfisser ukoll li l-litigazzjoni tiġi tiswa inqas għall-individwi u n-negozji. Minflok, dawn ir-riżorsi jistgħu jintużaw għall-investiment u għal skopijiet oħra aktar produttivi. Dan huwa saħansitra aktar evidenti f'kawżi transfruntiera li fihom l-għodod diġitali jistgħu jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv, jimminimizzaw id-dewmien, u jkissru l-ostakli lingwistiċi b'applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA, bħall-konverżjoni u t-traskrizzjoni speech-to-text, it-traduzzjoni awtomatika, u dan iwassal għall-iffrankar tal-kostijiet.

Is-sistemi tal-ġustizzja diġitalizzati huma mistennija wkoll ikunu aktar reżiljenti fi żminijiet ta' kriżi. Dan ħareġ fid-deher mill-pandemija tal-COVID-19. Il-kwalità tal-ġustizzja jaf tiżdied ukoll billi l-professionisti tal-ġustizzja jistgħu jiffokaw aktar fuq il-kompitu ewleni tagħhom li jggarantixxu l-ġustizzja. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja għandha l-potenzjal li twassal aċċess għall-ġustizzja aktar malajr u aktar sempliċi, u b'hekk tqarribha lejn in-nies<sup>3</sup>. Pereżempju, l-għodod diġitali jistgħu jipprovdu aċċess rapidu għall-qrati permezz tal-vidjokonferenza, irrispettivament mid-distanza minn awla tal-qorti. L-aċċess online għall-proċessi tal-kawżi jżid ukoll it-trasparenza peress li l-individwi, in-negozji u r-rappreżentanti legali jistgħu jsegwu l-proċedimenti ġudizzjarji b'aktar faċilità<sup>4</sup>.

L-adozzjoni tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni<sup>5</sup> fl-2023 immarkat stadju importanti f'dan ir-rigward. F'24 proċedura ġudizzjarja ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, ir-Regolament jagħti mandat għall-użu tal-komunikazzjoni diġitali. Ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni jipprovdi wkoll qafas legali tal-UE għall-użu tal-vidjokonferenza biex isiru udjenzi mill-bogħod f'materji ċivili u f'ċerti każijiet f'materji tad-dritt kriminali.

Il-Kummissjoni trid tadotta sensiela ta' atti ta' implimentazzjoni bejn l-2026 u l-2029 biex tgħin lill-Istati Membri jadattaw is-sistemi tal-IT nazzjonali tagħhom u jiżguraw l-interoperabbiltà kif meħtieġ mir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni. Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew se jkun operattiv mill-2028 u li fih l-utenti jistgħu jressqu ċerti talbiet u jitolbu ċertifikati u

---

<sup>1</sup> [Ir-Rapport Draghi](#) “The future of European competitiveness – Part B: In-depth analysis and recommendations”, p. 67.

<sup>2</sup> [COM\(2021\)118 final](#) - “Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali”, p. 10.

<sup>3</sup> L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ġustizzja elettronika 2024-2028 ([C/2025/437](#)), ir-4a para.

<sup>4</sup> Dawn l-affermazzjonijiet huma appoġġati minn sejbiet fir-rapport “[Digitalising justice: a fundamental rights-based approach](#)” mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

<sup>5</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2023/2844](#) dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntiera, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja

attestazzjonijiet<sup>6</sup>. Sistema tal-IT deċentralizzata għandha tkun operattiva għall-proċeduri kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sal-bidu tal-2031. Għall-implimentazzjoni f' waqtha tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni kif ukoll tas-sistemi tal-IT deċentralizzati l-oħra stabbiliti reċentement taħt ħames atti legali oħra li jikkonċernaw il-ġustizzja<sup>7</sup>, huwa meħtieġ sforz ikkoordinat u sostnut mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Id-diġitalizzazzjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-kriminalità fl-UE. L-uffiċċji tal-prosekuzzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali jistgħu jużaw għodod diġitali biex iħaffu b'mod sinifikanti l-komunikazzjoni u jikkooperaw b'mod aktar effiċjenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera. L-aġenziji u l-korpi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE<sup>8</sup> inkarigati mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati jew mill-appoġġ għas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali jistgħu jibbenefikaw bl-istess mod mid-diġitalizzazzjoni, billi jużaw għodod biex jaqsmu l-informazzjoni aktar malajr, u għodod biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Filwaqt li jsir il-ħsad tat-titjib fl-effiċjenza tad-diġitalizzazzjoni, ir-riskji potenzjali jeħtieġ li jiġu mitigati wkoll. L-użu tal-għodod diġitali fi kwistjonijiet ta' ġustizzja jrid jirrispetta bis-siġħ l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fil-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti tal-UE<sup>9</sup>. Barra minn hekk, l-Att dwar l-IA<sup>10</sup> jistipula li jistgħu jintużaw biss sistemi tal-IA li ma jagħmlux ħsara lid-drittijiet fundamentali. Fl-istess waqt, minħabba l-importanza li jiġi żgurat li l-individwi kollha<sup>11</sup> li jirrisjedu fl-UE jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja fuq bażi ugwali, għandhom jibqgħu disponibbli mezzi mhux diġitali għall-aċċess għall-ġustizzja.

Sistemi tal-ġustizzja aktar diġitalizzati jistgħu jkunu vulnerabbli wkoll għal ksur ta' data personali u attacchi ċibernetiċi. Filwaqt li s-sistemi bbażati fuq il-karta għandhom vulnerabbiltajiet oħra bħall-kondiviżjoni limitata, diffikultajiet biex jiġu aġġornati, trid tingħata attenzjoni partikolari lill-privatezza u s-sigurtà tad-data. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR, General Data Protection Regulation)<sup>12</sup> u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi<sup>13</sup> huma partijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE li għandhom l-għan li jipproteġu lin-nies minn dawn ir-riskji, permezz ta' miżuri ta' ġestjoni tar-riskju u rapportar tal-

---

<sup>6</sup> Bħall-attestazzjonijiet għaż-żwieġ u sħubijiet reġistrati, jew ċertifikati għall-miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili.

<sup>7</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2020/1784](#) dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni), [ir-Regolament \(UE\) 2020/1783](#) dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (riformulazzjoni), [ir-Regolament \(UE\) 2023/1543](#) dwar l-Ordni ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordni ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali, [ir-Regolament \(UE\) 2024/3011](#) dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali u [r-Regolament \(UE\) 2023/2131](#) fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu.

<sup>8</sup> L-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (l-Eurojust), u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE).

<sup>9</sup> Bħad-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali.

<sup>10</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1689](#) li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-IA).

<sup>11</sup> Dan jinkludi persuni b'kompetenza diġitali limitata, persuni b'diżabbiltajiet li jagħmluha diffiċli li wieħed jinnaviga għodod u ambjenti diġitali mingħajr assistenza u persuni li, pereżempju għal raġunijiet ta' deprivazzjoni ekonomika, ma jkollhomx aċċess għall-infrastruttura diġitali xierqa.

<sup>12</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2016/679](#) dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

<sup>13</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2016/680](#) dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

inċidenti. L-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà<sup>14</sup> wkoll iżid il-livell taċ-ċibersigurtà tal-prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fl-UE, inkluż għall-prodotti użati fis-settur tal-ġustizzja.

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni diġitali tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali jista' jimplika investment sinifikanti bil-quddiem, iżda l-kostijiet relatati se jiġu amortizzati maż-żmien peress li t-titjib fl-effiċjenza se jwassal għal iffrankar. Filwaqt li l-fondi tal-UE ma jistgħux ikopru l-kostijiet bil-quddiem kollha, dawn jistgħu jipprovdu appoġġ immirat għal investimenti mfassla apposta taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali u għall-investimenti u r-riformi skont il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali meta jibda l-QFP li jmiss<sup>15</sup>. Barra minn hekk, jistgħu joħolqu wkoll effett ta' ingranaġġ fuq il-baġits nazzjonali<sup>16</sup>.

It-tiŝiħ tal-ħiliet diġitali tal-professjonisti tal-ġustizzja se jkun essenzjali biex wieħed jibbenefika mid-diġitalizzazzjoni u jisfrutta t-teknoloġiji avvanzati bħala xprun tal-kompetittività tal-UE<sup>17</sup>. Huwa għalhekk li DigitalJustice@2030 ġiet adottata flimkien mal-Istrateġija Ewropea l-ġdida għat-Taħriġ Ġudizzjarju<sup>18</sup> (2025–2030), li tiffoka fuq id-diġitalizzazzjoni, u toħloq l-ambjent favorevoli meħtieġ biex din tinbidel f'realtà.

Il-kompetittività hija l-qofol ta' dan il-mandat tal-Kummissjoni<sup>19</sup>. L-UE trid timxi b'pass aktar mgħaġġel u tasal aktar 'il bogħod biex tiżgura l-kompetittività, il-prosperità u l-ekwità<sup>20</sup>. Din il-pożizzjoni hija appoġġata mill-Kunsill li jappella għal azzjoni deċiżiva biex tingħata spinta lill-kompetittività<sup>21</sup>. DigitalJustice@2030 tibni fuq dawn l-għanijiet ta' politika u ssarraf il-prijoritajiet stabbiliti mill-Kunsill fl-Istrateġija tal-Ġustizzja Elettronika 2024–2028,<sup>22</sup> u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-IA fil-ġustizzja<sup>23</sup> f'azzjonijiet konkreti.

DigitalJustice@2030 tibni fuq id-diskussjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-Fora ta' Livell Għoli dwar il-Ġustizzja għat-Tkabbir u dwar il-Futur tal-Ġustizzja Kriminali tal-UE, filwaqt li tenfasizza inizjattivi dwar id-diġitalizzazzjoni li kienu appoġġati b'mod wiesa'<sup>24</sup> u li huma maħsuba biex iżidu l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali, inkluża l-IA, fis-sistemi tal-ġustizzja sal-2030.

---

<sup>14</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2019/881](#) dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà).

<sup>15</sup> [COM\(2025\)570](#) - Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, p. 3., u [COM\(2025\)565](#) Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034, il-premessa 20 u l-Artikolu 3(1)(e)(ii).

<sup>16</sup> [COM\(2025\) 570 final – SWD\(2025\) 570 final/2](#) – Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, p. 39.

<sup>17</sup> Ir-Rapport Draghi “The future of European competitiveness – In-depth analysis and recommendations”, p. 67.

<sup>18</sup> COM(2025)801 – Strateġija Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju għall-2025-2030 – il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għal DigitalJustice@2030.

<sup>19</sup> [COM\(2025\) 30 final](#) – Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, p. 2.

<sup>20</sup> “L-Għażla Quddiem l-Ewropa” – Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni li jmiss 2024-2029, p. 6.

<sup>21</sup> [Il-Kunsill tal-UE \(838/24\)](#) Id-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, p. 1.

<sup>22</sup> L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ġustizzja elettronika 2024-2028 ([C/2025/437](#)).

<sup>23</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja ([16593/24](#)), il-paragrafu 25.

<sup>24</sup> Dawn [iż-żewġ fora ta' livell għoli](#) laqqgħu flimkien lill-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-isfera akkademika, il-prattikanti, u s-soċjetà ċivili f'erba' laqgħat plenarji kull wieħed, bejn Marzu 2025 u Novembru 2025.

## 1. L-immappjar tal-progress tad-diġitalizzazzjoni nazzjonali tal-ġustizzja u l-iskambju tal-aħjar prattiki

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025<sup>25</sup> turi li l-Istati Membri qegħdin jagħmlu progress mhux uniformi fid-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom. Ir-raġunijiet għal dawn id-differenzi jvarjaw minn Stati Membru għall-ieħor iżda jinkludu d-disponibbiltà tar-riżorsi umani u finanzjarji kif ukoll prijoritajiet politiċi diverġenti.

Filwaqt li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tipprovdi xi data dwar il-livell ta' diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali fl-Istati Membri, ma hemm l-ebda ħarsa ġenerali tal-inizjattivi jew l-għodod nazzjonali. L-Istati Membri jeħtieġu għodod tal-IT u standards tad-data li jkunu l-istess jew simili biex jiddiġitalizzaw prattiki li jkunu komuni għas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali kollha. L-Istati Membri interessati li jużaw soluzzjonijiet li jkunu effettivi fi Stati Membri oħra jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw l-informazzjoni.

Biex tindirizza din il-kwistjoni, il-Kummissjoni, flimkien mal-Kunsill, bdiet timmappja l-inizjattivi u l-għodod nazzjonali rilevanti. Id-data tipprovdi ħarsa ġenerali inizjali lejn id-diġitalizzazzjoni fis-sistemi tal-ġustizzja fl-UE. Fuq dik il-bażi, se jiġi żviluppata mekkaniżmu aktar permanenti, "repożitorju ħaġ" għall-ġbir ta' informazzjoni u għall-iskambju tal-aħjar prattiki. Ir-repożitorju se jkun ospitat fuq il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika<sup>26</sup>. Meta jużaw l-istruttura u t-tqassim tal-Portal, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jwettqu aġġornamenti b'mod faċli meta jkun hemm bżonn, filwaqt li l-familjarità tal-Portal hija intiża li timminimizza l-piż amministrattiv.

L-għan huwa li l-Istati Membri jidentifikaw soluzzjonijiet tajbin li qegħdin jintużaw li jistgħu jwasslu għall-implimentazzjoni usa' tagħhom u jrawmu l-interoperabbiltà transfruntiera. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill, se torganizza skambji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri. Hemm ħafna eżempji ta' prattiki diġitali tajbin fl-UE li jtejbju l-kwalità tal-ġustizzja, u jipprovdu aċċess aħjar, u aktar trasparenza għal dawk soġġetti għas-sistemi tal-ġustizzja u li jaħdmu fihom. Pereżempju, fl-Estonja, is-servizzi pubbliċi kollha huma disponibbli online. Is-sistema tal-ġustizzja tagħhom għandha bosta għodod diġitali iżda fil-qalba tas-sistema hemm l-e-File. Dan l-e-File jipprovdi data lis-sistemi ta' informazzjoni tal-qrati u huwa interoperabbli mas-sistemi ta' informazzjoni tal-infurzar tal-liġi. Il-komunikazzjoni kollha bejn il-partijiet f'kawżi ċivili tista' tiġi pproċessata b'mod elettroniku, inkluż il-ħolqien u t-trażmissjoni tat-taħrikiet, tal-proċess verbal tas-seduti u tad-deċiżjonijiet — u l-partijiet kollha jistgħu jsegwu l-proċedimenti b'mod elettroniku. L-Estonja stmat li l-użu ta' dawn l-għodod diġitali naqqas it-tul medju tal-proċedimenti tal-qrati ċivili minn 156 jum għal 99 jum<sup>27</sup>.

Id-data miġbura se tiffirma wkoll il-bażi għas-sett ta' għodod tal-IT propost (ara l-azzjoni 3) u se tgħin meta jiġu stabbiliti stadji importanti u miri għall-investiment u r-riforma għall-miżuri ta' finanzjament eventwali taħt il-QFP propost li jmiss<sup>28</sup>.

<sup>25</sup> It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 [COM\(2025\) 375 final](#), it-Taqsima 2.2.3. Diġitalizzazzjoni.

<sup>26</sup> [e-Justice: Estonian digital court-making](#).

<sup>27</sup> [Skeda informattiva e-Estonia: e-Justice](#).

<sup>28</sup> [COM\(2025\) 565 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034.

**L-Azzjoni 1:** Il-Kummissjoni se toħloq repożitorju ħaj ta' għodod diġitali, b' mod partikolari l-IA, użati fil-ġustizzja madwar l-UE, li sa tmiem l-2026 se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

**L-Azzjoni 2:** Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar l-għodod diġitali, b' mod partikolari l-IA, użati fil-ġustizzja.

## 2. Sett ta' għodod tal-IT għall-ġustizzja

Il-ħidma biex jiġu mmappjati l-għodod diġitali disponibbli bħalissa fl-Istati Membri żvelat li l-Istati Membri għandhom ħtiġijiet identiċi jew simili u jridu jiżviluppaw soluzzjonijiet simili. Diversi Stati Membri diġà varaw għodod tal-IA b'suċċess u dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-oħrajn. Pereżempju, jintużaw għodod tal-IA avvanzati għall-għarfien tat-taħdit biex it-taħdit jiġi kkonvertit f'test u jiġu traskritti l-udjenzi f' diversi Stati Membri, li jwassal għal iffrankar ta' ħin veru u proprju. Stati Membri oħrajn qegħdin jużaw annotazzjoni awtomatizzata u deskrizzjoni tal-kontenut awtomatizzata tas-sentenzi u ta' deċiżjonijiet għodidjarji oħra, filwaqt li xi Stati Membri bdew jużaw mudelli lingwistiċi kbar biex janalizzaw is-sentenzi u jabbozzaw dokumenti legali. Madankollu, għall-maġġoranza tal-Istati Membri, l-użu tal-għodod tal-IA huwa biss ippjanat. Għalhekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fil-għbir u l-qsim ta' informazzjoni dwar l-użu tal-għodod tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali sabiex jinholq u jitħaddem "sett ta' għodod tal-IA fil-qasam tal-ġustizzja" kondiviż<sup>29</sup>.

Filwaqt li l-armonizzazzjoni sħiħa fl-UE kollha tas-soluzzjonijiet tal-ġustizzja diġitali fis-sistemi nazzjonali tista' tostakola l-innovazzjoni sana, il-livell attwali ta' frammentazzjoni u n-nuqqas ta' standardizzazzjoni huwa dgħufija f'termini ta' kostijiet u effiċjenza. Pereżempju, mhuwix meħtieġ jew effiċjenti li l-Istati Membri jimplimentaw 27 sistema ta' software differenti biex iwettqu riċerka legali fil-qrati.

L-għan tas-sett ta' għodod huwa li jinkiseb iffrankar tal-kostijiet u li jitnaqqsu l-ostakli għall-implimentazzjoni billi l-Istati Membri jingħataw sett ta' għodod tal-IT. Is-sett ta' għodod huwa estensjoni naturali tal-immappjar, bl-iskop mhux biss li jiġu kondiviżi soluzzjonijiet tal-IT iżda wkoll li jgħin lill-Istati Membri jiddiġitalizzaw is-sistemi tal-ġustizzja tagħhom fil-prattika. Bl-użu ta' għodod li diġà ġew żviluppati u ttestjati minn pajjiżi oħra, l-Istati Membri jistgħu jevitaw li jibdew mill-bidu nett fil-ħolqien ta' għodda ġdida, li tiffranka kemm il-ħin kif ukoll il-flus. L-implimentazzjoni ta' għodod li jirnexxu f'diversi Stati Membri tista' tgħin biex jintużaw mill-ġdid standards komuni u tgħin l-interoperabbiltà.

Il-Kummissjoni se toħloq dan is-sett ta' għodod biex tgħin lill-Istati Membri jħaffu l-pass tal-livell tagħhom ta' diġitalizzazzjoni u jiġġeneraw iffrankar tal-kostijiet. Is-sett ta' għodod se jinkludi għodod tal-IA kif ukoll kwalunkwe għodda rilevanti oħra tal-IT għall-użu fis-sistemi tal-ġustizzja. Dan se jiġi ospitat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli<sup>30</sup> stabbilit mill-Att dwar Ewropa Interoperabbli<sup>31</sup> biex jiffaċilita l-kondivizzjoni tal-għodod, il-gwida u l-istandards tad-data. Se jkun f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi liema għodod jixtiequ jikkondividu u sa liema punt.

<sup>29</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja (16593/24), il-paragrafu 25.

<sup>30</sup> [Il-Portal Ewropa Interoperabbli](#).

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/903 li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli).

**L-Azzjoni 3:** Il-Kummissjoni se toħloq is-sett ta' għodod tal-IT sa tmiem l-2026 u se tippromwovi l-użu tiegħu.

### 3. L-IA fis-sistemi tal-ġustizzja

L-użu effettiv tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja huwa parti mill-għan li l-UE titpoġġa fuq quddiem nett tar-rivoluzzjoni tal-IA, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA<sup>32</sup>. L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA<sup>33</sup> tiffoka fuq l-isfruttar tal-potenzjal trasformattiv tal-IA, l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-IA fis-setturi kollha biex jittejjbu l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Għall-finijiet tal-promozzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-IA fil-ġustizzja, l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA tiddependi fuq azzjonijiet konkreti f'din l-istrateġija DigitalJustice@2030.

L-IA għandha potenzjal enormi fil-qasam tal-ġustizzja u tista' twassal għal titjib sinifikanti fil-effiċjenza. Pereżempju, fil-Ġermanja, OLGA, l-assistent virtwali bl-IA, tgħin lill-imħallfin jipproċessaw l-appelli fi proċedimenti tal-massa<sup>34</sup>, b'segwitu għall-kawża Dieselgate<sup>35</sup>. OLGA teżamina s-sentenzi tal-Prim'istanza u tissetta parametri bħat-tip ta' vettura u magna, l-istandard tal-egżost u r-raġunijiet għas-sejħa lura. Abbażi ta' dawn il-parametri, l-għodda awtomatikament tiġbor flimkien kawżi simili u timla l-mudelli individwali mfassla mill-imħallfin. L-użu ta' OLGA ppermetta, pereżempju, li jkun hemm skedar intelliġenti tal-kawżi li jinvolvu l-istess rappreżentanti tal-atturi, li ppermetta lill-qorti torganizza jiemi ta' laqgħat effettivi ħafna<sup>36</sup>. Din l-għodda taffiet ukoll il-piż ta' ċerti kompiti ripetittivi ħafna minn fuq spallejn l-imħallfin u b'hekk minflok setgħu jikkonċentraw fuq il-ħidma ewlenija tagħhom. Madankollu, l-aktar ħaġa importanti hija li s-sistema ma tinterferixx fit-teħid tad-deċiżjonijiet peress li l-imħallfin dejjem jieħdu d-deċiżjonijiet fuq kull kawża wara li jivverifikaw il-fatti. Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Migrazzjoni ta' Baden-Württemberg jirrapporta<sup>37</sup> li l-użu ta' OLGA ffaċilita t-ttrattament tal-kawżi u naqqas b'mod sinifikanti ż-żmien għall-ipproċessar tagħhom. Fil-fatt, mingħajr OLGA, jgħaddu bosta snin biex il-kawżi jiġu pproċessati bil-persunal attwali. Kif ikkonkluda l-imħallf responsabbli għall-proġett OLGA fil-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Stuttgart: "*l-ipproċessar manwali tal-proċedimenti tal-massa issa jappartjeni għall-passat*"<sup>38</sup>.

Madankollu, l-użu tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja jgħib miegħu wkoll riskji għad-drittijiet fundamentali u hemm bżonn li dawn ir-riskji jiġu mitigati. L-għodod tal-IA għandhom biss ikunu ta' appoġġ għall-imħallfin fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, u qatt ma għandhom jidhulhom posthom<sup>39</sup>. L-Att dwar l-IA<sup>40</sup> jikkategorizza ċerti użi tal-IA bħala b'riskju għoli. Bħala kwistjoni ta' prinċipju, is-sistemi tal-IA maħsuba biex jintużaw minn awtorità

<sup>32</sup> [COM\(2025\) 165 final](#) – Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, p. 1.

<sup>33</sup> [COM\(2025\)723 final](#) – L-Istrateġija għall-applikazzjoni tal-IA, p. 1 u p. 12.

<sup>34</sup> "Proċedimenti tal-massa" huma mifhuma bħala azzjonijiet ġudizzjarji multipli mressqa minn atturi individwali li jikkonċernaw l-istess Prattika jew Prattika simili. L-għodod tal-IT jistgħu jkunu rilevanti wkoll f'azzjonijiet ġudizzjarji oħra li jindirizzaw il-ħsara tal-massa bħal azzjonijiet rappreżentattivi skont id-[Direttiva \(UE\) 2020/1828 dwar l-Azzjoni Rappreżentattiva](#).

<sup>35</sup> "Dieselgate" huwa l-isem ta' skandlu li ħareġ fid-deher fl-2015 dwar karożżi li kienu nbiegħu b'software speċifiku fil-magni diżil li setgħu jidentifikaw meta l-karożza kienet qiegħda tiġi ttestjata, u b'hekk ibiddu l-prestazzjoni kif xieraq biex itejbu r-riżultati. Dan wassal għal eluf ta' kawżi u appelli.

<sup>36</sup> Spoenle, J. [OLGA – der KI-Assistent für Dieselverfahren](#).

<sup>37</sup> Landtag von Baden-Württemberg, [Drucksache 17/5658](#), p. 4.

<sup>38</sup> Landtag von Baden-Württemberg, [Drucksache 17/5658](#), p. 4.

<sup>39</sup> Il-premessa 61 tal-[Att dwar l-IA](#).

<sup>40</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1689](#) li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-IA).

ġudizzjarja biex tassistihom fir-riċerka u l-interpretazzjoni tal-fatti u tal-liġi u fl-applikazzjoni tal-liġi għal sett konkret ta' fatti, jitqiesu b'riskju għoli. Konsegwentement, japplikaw rekwiżiti stretti. Is-sistemi tal-IA maħsuba għall-attivitajiet amministrattivi li ma jaffettwawx it-teħid ta' deċiżjonijiet attwali f'kawżi individwali, bħall-psewdonimizzazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, id-dokumenti jew id-data, ma jitqisux bħala b'riskju għoli. Madankollu huma soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza.

Biex jappoġġa l-implimentazzjoni sikura tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tesplora l-potenzjal tal-IA fil-qasam tal-ġustizzja u tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA<sup>41</sup>. Il-Kummissjoni hija impenjata li takkumpanja lill-Istati Membri fil-vjaġġ tagħhom ta' implimentazzjoni tal-IA. L-ewwel pass kien li tiġi adottata l-gwida dwar il-prattiki pprojbiti tal-IA fi Frar 2025<sup>42</sup>. Il-pass li jmiss se jkun li tiġi ffinalizzata l-gwida ġenerali dwar is-sistemi tal-IA b'riskju għoli skont l-Att dwar l-IA ppjanat għall-pubblikazzjoni fi Frar 2026. L-użu ta' għodod tal-IA b'riskju għoli fis-sistemi tal-ġustizzja huwa kruċjali u se jgħin fit-tiswir ta' dawn il-linji gwida. DigitalJustice@2030 tipproponi wkoll li jiġi vverifikat jekk l-Istati Membri jeħtiġux appoġġ addizzjonali biex jużaw l-għodod tal-IA b'mod effettiv fis-sistemi tal-ġustizzja u jekk huwiex ġustifikat approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE.

L-Istati Membri huma heqqana li jużaw is-sistemi tal-IA fil-ġustizzja biex itejbu l-effiċjenza u jnaqqsu l-backlogs<sup>43</sup>. Diversi miżuri li jappoġġaw l-użu tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja huma deskritti f'DigitalJustice@2030. Is-sett ta' għodod tal-IT huwa mfassal biex jiffaċilita u jħaffef il-pass tal-adozzjoni tal-għodod tal-IA (l-azzjoni 3). Il-finanzjament tal-UE huwa disponibbli għal proġetti relatati mal-użu tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja (l-azzjonijiet 11 u 12), u l-adozzjoni tal-IA se tiġi mmonitorjata permezz tal-immappjar tal-għodod tal-IT (l-azzjoni 1). Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tappoġġa ulterjorment lill-awtoritajiet nazzjonali billi tiddiskuti magħhom u tgħinohom fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk, u għal liema skop, għandhom jużaw l-għodod tal-IA, kif ukoll kif jagħmlu dan b'mod li jżid l-effiċjenza kif ipplanat — possibbilment b'linji gwida apposta<sup>44</sup>.

Fil-livell tal-UE, l-aġenziji u l-korpi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jikkunsidraw li jużaw l-IA fil-ħidma operazzjonali tagħhom u jaf qegħdin jittestjaw għodod ġodda tal-IA. Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ ta' dawn l-iżviluppi.

**L-Azzjoni 4:** Il-Kummissjoni se telabora fir-rigward tal-użu ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli fil-ġustizzja b'mod partikolari billi tiddefinixxi linji gwida rilevanti skont l-Att dwar l-IA sa Frar 2026, b'kontribut mill-komunità tal-ġustizzja.

**L-Azzjoni 5:** Il-Kummissjoni se tidentifika flimkien mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, oqsma li fihom l-UE tista' tappoġġahom fl-adozzjoni tagħhom tal-IA fil-ġustizzja, possibbilment b'linji gwida apposta dwar jekk, għal liema skop, u kif jistgħu jużaw l-għodod tal-IA.

<sup>41</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja (16593/24), il-paragrafu 21.

<sup>42</sup> [C\(2025\)5052 final](#) - Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Prattiki pprojbiti tal-intelliġenza artifiċjali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-IA).

<sup>43</sup> Mid-diskussjonijiet fil-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja, "Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja" (19–20 ta' Mejju 2025).

<sup>44</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Pollakka fil-Kronaka Uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025), p. 39.

#### 4. L-Ispazju Ewropew tad-Data Legali

L-individwi u l-professjonisti f'diversi oqsma għandhom ruxmata informazzjoni li jistgħu faċilment isibuha. Dan mhuwiex il-każ għad-dokumenti u d-data legali, li spiss ma jkunux disponibbli online, li jfisser li hemm inqas aċċessibbiltà u trasparenza f'dan il-qasam. Bħalissa, id-data legali online tista' tiġi aċċessata b'diversi modi, iffaċilitata u appoġġata mill-UE. L-Ispazju Ewropew tad-Data Legali għandu l-għan li jiġbor din id-data kollha flimkien u f'post wieħed:

- L-EUR-Lex għall-aċċess għal-leġiżlazzjoni awtentika tal-UE f'24 lingwa, il-ġurisprudenza tal-UE, il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali kif ukoll għal xi ġurisprudenza nazzjonali b'funzjonijiet ta' tiftix u analiżi.
- L-N-Lex għall-aċċess għall-bażijiet tad-data tad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.
- il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika għal tagħrif dwar is-sistemi tal-ġustizzja u dwar l-aċċess għall-ġustizzja fl-UE, kif ukoll għall-aċċess għall-ġurisprudenza tal-UE u dik nazzjonali.
- diversi Stati Membri joperaw il-pjattaformi tagħhom stess.

Huwa ta' fejda li jkun hemm aċċess faċli għal-leġiżlazzjoni u ġurisprudenza applikabbli u aġġornati mhux biss fil-livell tal-UE, iżda wkoll fl-Istati Membri kollha. Wieħed iġib quddiem għajnejh imhalled Pollakk li jeħtieġ li japplika l-liġi Taljana meta jiġi biex jiddeċiedi dwar tilwima bejn kumpanija Pollakka u oħra Taljana. Il-kuntratt bejn iż-żewġ kumpaniji jinkludi klawsole dwar l-għażla tal-liġi (il-liġi regolatorja) li tispesifika li tapplika l-liġi Taljana<sup>45</sup>. Peress li n-negozju Pollakk ressaq il-każ quddiem qorti Pollakka,<sup>46</sup> l-imhalled Pollakk se jiddeċiedi dwar it-tilwima abbażi tal-liġi Taljana u se jkollu bżonn aċċess għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza Taljani relatati kollha. Jekk dawn ma jkunux disponibbli online, ikun saħansitra aktar diffiċli għall-professjonisti tal-ġustizzja f'kawżi transfruntiera biex isibu, jifhmu, jinterpretaw u japplikaw il-liġijiet barranin għal kawża pendenti<sup>47</sup>. Dan jista' jwassal għal dewmien sinifikanti, b'effett negattiv fuq it-twertiq tal-ġustizzja u għall-imminar tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Huwa biżżejjed iebes għall-professjonisti tal-ġustizzja li japplikaw liġijiet barranin li dwarhom ma rċevew ebda taħriġ, mingħajr ma jkollhom ukoll jitħabtu biex isibu d-dokumenti meħtieġa.

Minbarra li tgħin lill-professjonisti tal-ġustizzja f'kawżi transfruntiera, trasparenza akbar tgħin ukoll biex jiżdiedu l-kunfidenza u l-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema tal-ġustizzja. L-aċċess għall-informazzjoni dwar il-liġi, il-ġurisprudenza u l-interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dispożizzjonijiet legali huwa importanti biex jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja<sup>48</sup>.

Huwa għalhekk li, abbażi tal-Istrateġija Ewropea għad-Data tal-2020,<sup>49</sup> ġie stabbilit Spazju Ewropew tad-Data Legali biex jiġi sfruttat il-valur tad-data sabiex jiġu ġġenerati benefiċċji usa' għall-ekonomija u s-soċjetà tal-UE. L-għan huwa li tiġi pprovduta data faċilment aċċessibbli, riutilizzabbli u li fiha jista' jsir tiftix, għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza madwar l-UE. L-Ispazju Ewropew tad-Data Legali ma jipprovdix biss data biex jgħin lill-professjonisti tal-

---

<sup>45</sup> F'konformità mal-Artikolu 3, [ir-Regolament \(KE\) Nru 593/2008](#) dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I)

<sup>46</sup> Il-ġurisdizzjoni tal-qorti Pollakka tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-[Regolament \(UE\) 1215/2012](#) (ir-Regolament Brussell Ia).

<sup>47</sup> Jekk l-informazzjoni ma tkunx tista' tinstab, l-imhalled jiġi mgħieghel jagħmel talba uffċjali għall-informazzjoni skont l-Artikolu 4 tal-[Konvenzjoni Ewropea dwar l-Infurmazzjoni rigward il-Liġi Barranija](#) (1968, STKE 062), li tiegħu kunsiderevolment aktar żmien milli kieku l-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza kienu disponibbli online.

<sup>48</sup> CEPEJ Guidelines for the online publication of judicial decisions ([CEPEJ \(2024\)9](#)), it-18 ta' Novembru 2024, p. 4.

<sup>49</sup> Strateġija Ewropea għad-Data ([COM/2020/66](#)), it-Taqsima 5.D.

ġustizzja fil-ħidma tagħhom. Progressivament dan se jipprovi wkoll aċċess għad-data ġudizzjarja, adattata għat-taħriġ tas-sistemi tal-IA, u b'hekk jappoġġa lill-kumpaniji tat-teknoloġija legali fl-iżvilupp ta' għodod innovattivi tal-IA b'adattament għall-qasam tal-ġustizzja. Il-muftieħ parzjali sabiex ikun hemm għodod tal-IA li jaħdmu kif suppost, huwa l-kwalità tad-data tat-taħriġ. Hawnhekk fejn l-Ispazju Ewropew tad-Data Legali jista' jagħti palata lill-innovazzjoni, jiġifieri billi jiftaħ l-aċċess għal kontenut legali li jista' jitniżżel, ta' kwalità għolja, f'volumi kbar u rilevanti. Id-data misluta bir-reqqa għad-dokumenti legali tal-UE disponibbli fl-EUR-Lex hija fil-qalba ta' din il-ħidma.

L-istandards komuni huma kruċjali biex l-Ispazju Ewropew tad-Data Legali jaħdem, u biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tad-data legali u ġudizzjarja, b'mod partikolari l-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (ELI, European Legislation Identifier)<sup>50</sup> u l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI, European Case Law Identifier)<sup>51</sup>. L-aċċess għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza jirrikjedi li d-dokumenti rilevanti kollha jiġu identifikati b'mod korrett, jinqraw mill-magni u jkun jista' jsir tiftix fihom online. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-ELI u l-ECLI jiġu adottati malajr kemm jista' jkun mill-Istati Membri kollha<sup>52</sup>. L-istandard tal-ELI issa qiegħed jintuża minn 19-il Stat Membru, b'sebgħa li ilhom li adottaw l-ELI mill-2024. L-ECLI ġie implimentat parzjalment fi 21 Stat Membru, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet minn għadd limitat ta' qrati biss. Daqs 17 minn daww il-Istati Membri li adottaw l-istandard ECLI huma kkollegati mal-magna tat-tiftix tal-ECLI fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

Filwaqt li tissokta l-ħidma dwar l-N-Lex u l-Portal tal-Ġustizzja Elettronika u dwar il-magni tat-tiftix assoċjati tal-liġi u tal-ġurisprudenza, l-azzjonijiet f'DigitalJustice@2030 għandhom fl-aħħar mill-aħħar jirriżultaw f'data ġudizzjarja faċilment aċċessibbli, riutilizzabbli u li fiha jista' jsir tiftix għall-professjonisti tal-ġustizzja, l-individwi u l-kumpaniji tat-teknoloġija legali kollha. Il-Kummissjoni haċċet impenn li twettaq implimentazzjoni kompluta tal-ELI u tal-ECLI, filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri b'diversi modi. Il-finanzjament tal-UE taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u Assistenza Teknika ulterjuri taħt il-QFP futur jistgħu jintużaw għall-implimentazzjoni tal-ELI u l-ECLI.

Fl-Istrateġija għal Unjoni tad-Data,<sup>53</sup> il-Kummissjoni haċċet li se tipproponi espansjoni tal-lista tas-settijiet tad-data ta' valur għoli fl-2026<sup>54</sup> biex tiġi koperta wkoll id-data legali, bi kwalità u aċċessibbiltà mtejba. Is-settijiet tad-data ta' valur għoli jridu jkun disponibbli liberament f'formati li jinqraw mill-magni u permezz ta' interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Meta rilevanti, is-settijiet tad-data ta' valur għoli għandhom ikunu disponibbli biex jitniżżlu b'mod massiv. Bl-estensjoni tal-lista tas-settijiet tad-data ta' valur għoli, aktar data tkun disponibbli għall-SMEs, l-istartups u l-iżviluppaturi tal-IA billi jitnaqqsu l-ostakli għall-aċċess għad-data.

**L-Azzjoni 6:** Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE se jappoġġaw l-adozzjoni kompluta tal-ELI u tal-ECLI. Għall-ECLI, jiġi aċċertat li, sal-2030, il-ġurisprudenza kollha fl-Istati Membri kollha tiġi assenjata ECLI u tkun tista' tiġi faċilment misjuba fuq il-magna tat-tiftix tal-ECLI fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. L-ewwel pass se jkun li jiġi assenjat ECLI għad-deċiżjonijiet il-ġodda kollha tal-qrati fil-qrati kollha. It-tieni se

<sup>50</sup> X'inhom l-ELI?

<sup>51</sup> X'inhom l-ECLI?

<sup>52</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 (COM/2020/710 final) – “Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea. Strumentarju ta' opportunitajiet” diġà ssottolinjat l-importanza tad-disponibbiltà tad-data ġudizzjarja (it-Taqsima 3.4.).

<sup>53</sup> COM(2025)835 – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għal Unjoni tad-Data - Żblokkar tad-data għall-IA, p. 10.

<sup>54</sup> L-Artikolu 13 u 14 skont id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa (id-Direttiva (UE) 2019/1024) dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (rifomulazzjoni)).

jkun li tiġi integrata l-ġurisprudenza eżistenti kollha. Għall-ELI, jiġi aċċertat li, sal-2030, kull biċċa leġislazzjoni fl-Istati Membri kollha tiġi assenjata ELI, li tkun tista' tiġi faċilment misjuba fil-magna tat-tiftix tal-ELI.

**L-Azzjoni 7:** Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE se jkunu ta' forċina għall-iżvilupp tal-applikazzjonijiet tat-teknoloġija legali, inklużi l-ġhodod tal-IA għall-ġustizzja billi jittejbu d-disponibbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data legali u ġudizzjarja (inkluża l-ġurisprudenza u l-leġislazzjoni).

## 5. Vidjokonferenza:

Il-pandemija tal-COVID-19 ġiegħlet biċċiet kbar mill-forza tax-xogħol (inkluża l-ġudikatura) jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida: l-użu tal-vidjokonferenza saret soluzzjoni vijabbli f'għadd ta' każijiet biex tiġi aċċertata l-kontinwità tal-ġustizzja. Minkejja li sal-2020, il-vidjokonferenza kienet diġà rregolata u tintuża f'xi kawżi ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-UE f'materji ċivili u kriminali<sup>55</sup>, il-bażi legali kienet nieqsa għal diversi proċeduri transfruntiera oħra. Ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni parzjalment mela dan il-vojt u issa jipprovi bażi legali biex isiru udjenzi permezz tal-vidjokonferenza għall-proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali, kif ukoll għall-proċeduri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Skont id-dritt tal-UE, ix-xhieda, l-esperti, is-suspettati u l-persuni akkużati, kif ukoll il-vittmi tal-kriminalità jistgħu jinstemgħu permezz tal-vidjokonferenza għall-kumpilazzjoni, jekk dawn ikunu jinsabu fi Stat Membru ieħor<sup>56</sup>. Għall-vittmi tal-kriminalità, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tiġi inkluża dispożizzjoni dwar l-użu tal-vidjokonferenza sabiex tiġi ffaċilitata l-parteeċipazzjoni remota fil-proċedimenti kriminali ta' vittmi li jkunu residenti barra mill-pajjiż. Din il-proposta għadha qiegħda tiġi nneozjata. Attwalment ma hemm l-ebda regola mifruxa fl-UE li tirregola l-parteeċipazzjoni remota ta' persuna suspettata jew akkużata fl-udjenzi tal-qrati fil-proċedimenti kriminali minn Stat Membru ieħor għal skopijiet li mhumiex ta' kumpilazzjoni. Din is-sitwazzjoni ta' sikwit twassal għal kostijiet sinifikanti għall-ivjaġġar għal persuna suspettata jew akkużata, u tista' tippreżenta sfidi prattiċi, b'mod partikolari għall-individwi vulnerabbli. Tista' twassal ukoll biex il-proċessi jsiru *in absentia* jew ikunu jirrikjedu l-użu ta' miżuri koerċittivi intrużivi ferm bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew biex jiġi żgurat li persuna suspettata jew akkużata tkun preżenti għall-proċess.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet ġew irrikonoxxuti fl-aktar evalwazzjoni reċenti tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea,<sup>57</sup> li tistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjoni fil-livell tal-UE sabiex il-persuni akkużati jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċessi permezz tal-vidjokonferenza minn Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni qiegħda tara li tindirizza din il-lakuna sabiex tippermetti l-parteeċipazzjoni remota minn Stat Membru ieħor f'udjenzi tal-qrati kriminali ta' persuna suspettata jew akkużata permezz tal-vidjokonferenza. Fir-rigward tal-vittmi tal-kriminalità, il-Kummissjoni se tivvaluta kif il-parteeċipazzjoni remota

<sup>55</sup> B'mod partikolari, [id-Direttiva 2014/41/UE](#) dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali, l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar l-assistenza reċiproka f'materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-UE (42000A0712(01)), [id-Direttiva 2012/29/EU](#) rigward id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, u [r-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 1206/2001](#) dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali.

<sup>56</sup> F'konformità mad-[Direttiva 2014/41/UE](#) tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali, il-Konvenzjoni tal-UE dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (42000A0712(01)) u [d-Direttiva 2012/29/EU](#) rigward id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità.

<sup>57</sup> Ir-rapport finali dwar l-għaxar rawnd ta' evalwazzjonijiet reċiproċi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE), [15834/1/24](#), Brussell, l-10 ta' Diċembru 2024.

għandha tiġi indirizzata wkoll, filwaqt li jitqies l-eżitu tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

Hemm ċerti sfidi prattiċi li għandhom jiġu indirizzati biex jiġi żgurat li l-udjenzi remoti permezz tal-vidjokonferenza jimxu ħarir. Pereżempju, l-Istati Membri ta' sikwit jużaw pjattaformi differenti għall-vidjokonferenza, li fiha nfisha mhijiex kwistjoni li toħloq problema iżda jaf tkun impediment meta tkun qiegħda ssir udjenza remota transfruntiera, billi s-soluzzjonijiet ta' software u ta' hardware li jvarjaw ma jkunux dejjem interoperabbli. Dan huwa importanti meta vidjokonferenza tiġi organizzata bejn żewġ awtoritajiet ġudizzjarji fi Stati Membri differenti, pereżempju, għall-kumpilazzjoni f'materji ċivili<sup>58</sup> u matul l-udjenzi f'materji kriminali.

Filwaqt li diġà hemm soluzzjonijiet disponibbli għal din il-problema tal-interoperabbiltà, bħal add-ons, plug-ins u applikazzjonijiet third-party, dawn is-soluzzjonijiet ta' sikwit jagħtu lok għal konnessjoni instabli u jqajmu tħassib rigward il-protezzjoni u l-privatezza tad-data. Attwalment ma hemm l-ebda soluzzjoni pan-Ewropea fir-rigward tal-vidjokonferenza għall-proċedimenti transfruntiera f'materji tal-ġustizzja. Kull Stat Membru juża prodotti kummerċjalment disponibbli jew inkella għodod żviluppatti minnhom stess. Dan jista' jkun adegwat biżżejjed għall-udjenzi domestiċi iżda, għall-udjenzi transfruntiera, nuqqas ta' interoperabbiltà jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jsiru udjenzi remoti. Għaldaqstant, ikun hemm bżonn li tinstab soluzzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-interoperabbiltà. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tanalizza l-opzjonijiet differenti biex tegħleb l-ostakli għall-interoperabbiltà<sup>59</sup>.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkun ta' forċina għall-Istati Membri billi tipprovdilhom sett ta' rekwiżiti tekniċi komuni volontarji għall-vidjokonferenza. Dawn ir-rekwiżiti se jkopru, pereżempju, kif għandha ssir vidjokonferenza, u jiżviluppaw ulterjorment is-software tal-vidjokonferenza diġà fis-seħħ. Dawn ir-rekwiżiti jiġu mbagħad adattati għall-użu fil-qasam tal-ġustizzja u jipprovdu bażi solida għall-iżgurar ta' kwalità awdjoviżiva tajba f'ħin reali sabiex issir vidjokonferenza sigura u kunfidenzjali matul il-proċedimenti ġudizzjarji. L-Istati Membri jistgħu jużaw dawn ir-rekwiżiti meta, pereżempju, iwettqu proċeduri ta' akkwist pubbliku jew ta' żvilupp ulterjuri, u jiffrankaw l-ispejjeż involuti kieku tali rekwiżiti kellhom jiġu żviluppatti minnhom. Dawn ir-rekwiżiti tekniċi volontarji huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà. Se jkunu aċċessibbli permezz tal-Portal Ewropa Interoperabbli.

**L-Azzjoni 8:** Il-Kummissjoni se tirrakkomanda rekwiżiti tekniċi volontarji u komuni għall-UE kollha għall-vidjokonferenza sa tmiem l-2027.

**L-Azzjoni 9:** Fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea, il-Kummissjoni se tara li tagħti lok għall-parteċipazzjoni remota tal-persuni suspettati jew akkużati fl-udjenzi tal-qrati kriminali minn Stat Membru ieħor permezz tal-vidjokonferenza, bl-inklużjoni tas-salvagwardji proċedurali neċessarji. Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-ħtieġa korrispondenti li jiġu inklużi regoli biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni remota tal-vittmi tal-kriminalità kif ukoll is-salvagwardji meħtieġa, filwaqt li jitqies l-eżitu tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

<sup>58</sup> Skont ir-[Regolament \(UE\) 2020/1783](#) dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (riformulazzjoni).

<sup>59</sup> L-għażliet strateġiċi fir-rigward tal-iżvilupp u l-akkwist tal-IT se jkunu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

**L-Azzjoni 10:** Il-Kummissjoni se tistudja l-fattibbiltà u tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji ta' opzjonijiet varji biex jingħelbu l-kwistjonijiet ta' interoperabbiltà għall-vidjokonferenza transfruntiera fi proċedimenti gudiżzarji sa tmiem l-2027.

## 6. Finanzjament

Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali hija investiment li għandu l-għan li jikseb ġustizzja aktar effiċjenti. Dan l-investiment se jiġi kkompensat gradwalment u fl-aħħar mill-aħħar se jiffranka r-riżorsi. Pereżempju, l-introduzzjoni tal-vidjokonferenza fl-awli tal-qorti fiċ-Ċekja kienet suċċess. Fl-2024, kien hemm medja ta' 12 300 udjenza li saru permezz ta' vidjokonferenza. L-introduzzjoni ta' tagħmir u software relatat fl-awli tal-qorti swiet madwar EUR 8 miljun, b'appoġġ permezz tal-finanzjament tal-UE taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>60</sup>. Il-vidjokonferenza issa tiffirka lill-awtoritajiet gudiżzarji Ċeki aktar minn EUR 2,2 miljun fis-sena f'kostijiet għall-iskorta tas-sigurtà u t-trasport, kumpens għax-xhieda u rimborżi tal-ivvjaġġar għax-xhieda — u dan l-iffirka se jissokta<sup>61</sup>.

L-investiment fid-diġitalizzazzjoni se jikkontribwixxi wkoll għal żieda fil-produttività. Fl-aħħar mill-aħħar, tali investiment għandu l-għan li jżid l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, li se jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku. Xi partijiet minn din l-istrateġija DigitalJustice@2030, pereż. l-inkoraġġiment tal-użu mill-ġdid tal-għodod tal-IT, se jiġġeneraw iffrankar għall-baġits nazzjonali, filwaqt li jtejbu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tippromwovi finanzjament adegwat għall-iżvilupp u l-użu tal-IA fil-ġustizzja<sup>62</sup>. L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ġustizzja Elettronika għall-2024–2028<sup>63</sup> tenfasizza li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaraw li jiksibu finanzjament permezz tad-diversi strumenti finanzjarji inklużi fil-QFP. Għalhekk, l-aċċess għall-finanzjament għandu jiġi ffaċilitat fil-livell tal-UE.

L-UE diġà tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu s-sistemi gudiżzarji tagħhom aktar effiċjenti permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament, b'objettivi differenti:

- Il-Programm dwar il-Ġustizzja jappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti ta' diġitalizzazzjoni transfruntiera iżda għandu baġit limitat. Bħalissa huwa kkonċentrat speċjalment fuq l-għajnuna lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni<sup>64</sup>.
- Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tappoġġa r-riformi u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri sabiex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom ikunu aktar sostenibbli, reżiljenti u ppreparati aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Diversi miżuri li jinsabu fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom l-għan li jimbuttaw id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri. Madwar nofs l-Istati Membri<sup>65</sup> inkludew tali riformi u investimenti fil-

<sup>60</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

<sup>61</sup> Il-kontribut tas-Sur Přemysl Sezemský, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Ġustizzja elettronika tal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka, il-Kronaka Uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025), p. 15–16.

<sup>62</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2024 dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja (16593/24), il-para. 22.

<sup>63</sup> L-Istrateġija tal-Ġustizzja elettronika 2024-2028 (C/2025/437), il-para. 24.

<sup>64</sup> Il-Programm ta' Ħidma għall-2023–2025 tal-Programm dwar il-Ġustizzja, p. 23, kif ukoll il-Programm ta' Ħidma futur 2026–2027 tal-Programm dwar il-Ġustizzja.

<sup>65</sup> BE, BG, CY, CZ, EL, ES, HR, HU, IT, MT, NL, PT, RO, SI, SK.

pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom. Il-proġetti jinkludu pereżempju l-vidjokonferenza, l-introduzzjoni tar-reġistrazzjonijiet awdjo diġitali tal-proċedimenti, it-titjib fil-ġestjoni tal-kawżi, id-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ċivili u kriminali.

- Il-Programm Ewropa Diġitali jappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera tal-UE, b' mod partikolari fil-kuntest tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni. Jappoġġa wkoll l-adozzjoni tal-ELI fl-Istati Membri. Dan jintuża biex joffri sessjonijiet ta' ħidma u konsulenza minn esperti kif ukoll biex jappoġġa lill-Istati Membri sabiex jaderixxu mat-tfittxija bbażata fuq l-ELI fuq l-N-Lex.
- L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jappoġġa lill-Istati Membri billi jipprovdihom għarfien espert tekniku mfassal apposta għalihom. Jista' jintuża biex jappoġġa proġetti relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, bħall-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza, l-adozzjoni ulterjuri tal-ECLI, l-ipproċessar awtomatizzat bl-użu tal-IA, u l-vidjokonferenza. Madankollu, limitazzjoni importanti hija li ma jistax jintuża biex jiffinanzja ħidma ta' żvilupp tal-IT veru u proprja, u lanqas l-akkwist ta' software u hardware<sup>66</sup>. Il-proġetti li jaqgħu taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandhom jipprovdu valur miżjud ċar tal-UE, u jippermettu l-użu mill-ġdid tar-riżultati miksuba fi Stati Membri oħra.

Fl-ambitu tal-QFP li jmiss, <sup>67</sup> l-għan huwa li l-baġit tal-UE jiġi ssimplifikat u jsir aktar flessibbli. Dan jippermetti li l-finanzjament jiġi aġġustat skont il-prijoritajiet li jinbidlu u l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda. Il-Kummissjoni pproponiet baġit ambizzjuż u bbażat fuq il-politika għall-perjodu mill-2028 sal-2034. Quddiem progress insuffiċjenti u żbilanċjat fit-trasformazzjoni diġitali tal-UE,<sup>68</sup> il-baġit jipprovdi appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja fil-livell nazzjonali u tal-UE abbażi ta' żewġ pilastri:

- i. Is-sistemi tal-ġustizzja diġitalizzati huma aktar effiċjenti u reżiljenti, għaldaqstant l-Istati Membri jistgħu jużaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom<sup>69</sup> biex jiffinanzjaw id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. Il-fondi jistgħu jintużaw ukoll biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, li għandu t-tir li jrendi s-servizzi pubbliċi ewlenin kollha disponibbli online sal-2030<sup>70</sup>. Meta mqabbla mal-istrumenti ta' finanzjament attwali, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u reġjonali<sup>71</sup>. Il-miri nazzjonali tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali jistgħu jissejso fuq il-ġbir tad-data fl-azzjoni 1.

<sup>66</sup> Kif enfasizzat fil-Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Pollakka fil-Kronaka Uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025), p. 39.

<sup>67</sup> [COM\(2025\) 570 final](#) – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, p. 2.

<sup>68</sup> [COM\(2025\) 565 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, il-premessa 7.

<sup>69</sup> [COM\(2025\) 565 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, il-premessa 20 u l-Artikolu 3.1(e)(ii) u (iii).

<sup>70</sup> [COM\(2025\) 565 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, l-Artikolu 3.1(a)(iv).

<sup>71</sup> [COM\(2025\) 570 final](#) – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, p. 24.

- ii. Il-proposta għal Programm ġdid dwar il-Ġustizzja għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' żona Ewropea ta' ġustizzja effiċjenti, inklużiva u reżiljenti, u tkun ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-UE<sup>72</sup>. L-enfasi akbar tagħha fuq id-diġitalizzazzjoni skont l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tagħha<sup>73</sup> għandha l-għan li tiżgura approċċ aktar strateġiku u konsistenti għall-kwistjonijiet u l-isfidi kollha relatati mad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja. Għandha żieda sinifikanti proposta fil-baġit. Il-programm propost se jkompli jkun ta' appoġġ għall-manutenzjoni ta' għodod jew pjattaformi tal-IT eżistenti u sabiex jiġu stabbiliti oħrajn ġodda meħtieġa għall-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja,<sup>74</sup> inkluż li l-Istati Membri jiġu meġhuna jintroduċu atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni.

**L-Azzjoni 11:** Il-Kummissjoni tippromovi li tkompli tiffinanzja proġetti u azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri taħt il-QFP li jmiss permezz tal-Programm dwar il-Ġustizzja propost.

**L-Azzjoni 12:** Il-Kummissjoni għandha l-għan li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali taħt il-QFP li jmiss permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali proposti.

## 7. Diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċedimenti transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali

Anki wara l-implimentazzjoni kompluta tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni, xorta waħda mhuwiex se jkun possibbli li l-proċeduri ġudizzjarji transfruntiera jsiru fl-intier tagħhom permezz tal-mezzi diġitali, pereż. kawża l-qorti mill-bidu sal-aħħar. Ir-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni ma jipprevedix id-diġitalizzazzjoni tal-komunikazzjonijiet għall-passi proċedurali kollha fil-proċeduri ġudizzjarji transfruntiera kollha, jew sabiex jingħata bidu għat-tipi kollha ta' proċedimenti tal-qorti. Pereżempju, meta tkun ġiet stabbilita l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti,<sup>75</sup> il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jikkomunikaw b'mod elettroniku ma' dik il-qorti f'ċerti każijiet,<sup>76</sup> iżda mhumiex se jkun jistgħu jitolbu udjenza remota jew jippreżentaw affidavit permezz tal-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew. Mhuwiex se jkun possibbli wkoll li negozju jirkupra b'mod diġitali kreditu kkontestat mingħand negozju ieħor fil-qorti jekk il-valur tat-talba jkun jaqbeż il-EUR 5 000, billi l-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew ma jistax ma jintużax għal dak l-iskop u s-sistemi tal-IT nazzjonali jaf ma jagħtux aċċess lin-nonresidenti.

Jekk l-għodod diġitali jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-individwi u tal-kumpaniji biex jippreżentaw talbiet jew biex iwettqu monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji jew jipproċedu bihom sakemm tkun inqatgħet is-sentenza, il-ġustizzja ssir aktar effiċjenti. Barra minn hekk jiġu ffrankati ħin u flus għan-negozji u l-individwi fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera tad-dritt ċivili u kummerċjali.

<sup>72</sup> [COM\(2025\) 570 final](#) – Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, p. 18.

<sup>73</sup> [COM\(2025\)463 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2028-2034, il-Memorandum ta' spjegazzjoni, p. 10, il-premessi 2 u 18, l-Artikolu 3.

<sup>74</sup> [COM\(2025\)463 final](#) – Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2028-2034, il-Memorandum ta' spjegazzjoni, il-premessa 10.

<sup>75</sup> F'konformità mar-[Regolament \(UE\) Nru 1215/2012](#) dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)

<sup>76</sup> Pereżempju, fil-proċedimenti għar-rikonoxximent, dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew rifjut ta' rikonoxximent jew sabiex jintalbu ċertifikati b'mod elettroniku skont ir-[Regolament \(UE\) Nru 1215/2012](#).

L-għodda għad-diġitalizzazzjoni kompluta tal-proċeduri ġudizzjarji transfruntiera tista' tkun estensjoni tal-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew għall-materji ċivili u kummerċjali kollha b'implikazzjonijiet transfruntiera. Il-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew se jkun operattiv mill-2028 'il quddiem u jista' jinbidel f'punt ta' aċċess uniku fejn l-individwi u n-negozji jistgħu jniedu proċeduri ċivili transfruntiera u jieħdu sehem fihom. Il-ħidma biex titħejja l-evalwazzjoni komprensiva tal-Kummissjoni tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni<sup>77</sup> se tkun opportunità biex jiġi vvalutat it-tħaddim tal-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew u l-progress li jkun sar fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja fl-Istati Membri kif ukoll biex jiġu identifikati dgħufijiet u lakuni possibbli.

Matul is-snin li ġejjin, bi tħejjija għall-evalwazzjoni, il-Kummissjoni beħsiebha twettaq studju li janalizza l-effetti tad-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċedimenti transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali. Din l-analiżi tista' talimenta l-evalwazzjoni kif ukoll riflessjoni konġunta dwar il-ġejjieni tal-proċedimenti ġudizzjarji ċivili u kummerċjali flimkien mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati tal-komunità tal-ġustizzja.

Il-Kartiera tal-Identità Diġitali maħluqa fl-ambitu tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali<sup>78</sup> għandu jiffaċilita l-aċċess online għall-proċedimenti ġudizzjarji. Dawn se jipprovdu identità elettronika lil kull ċittadin jew resident tal-UE, li tippermettilhom jidentifikaw ruħhom b'mod sigur u jiffirmaw dokumenti elettroniċi permezz ta' firma elettronika kwalifikata. Barra minn hekk, il-Kartieri tal-Identità Diġitali għandhom jintużaw għall-iskambju tad-dokumenti elettroniċi. Abbażi tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali, dawn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju se jgħallqu identità diġitali għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet pubbliċi li tippermetti li jiġu identifikati u awtentikati, li jiġu riċevuti u jinħażnu n-notifiki uffiċjali, u li jiġu kondiviżi l-kredenzjali vverifikati.

**L-Azzjoni 13:** Il-Kummissjoni se tanalizza l-effetti tad-diġitalizzazzjoni ulterjuri possibbli tal-proċedimenti transfruntiera f'materji ċivili u kummerċjali, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni sa tmiem l-2028.

**L-Azzjoni 14:** Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew sabiex ikun jista' jiġi estiż aktar tard għall-kawżi kollha tad-dritt ċivili u kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntiera.

## 8. Konklużjoni

L-azzjonijiet f'DigitalJustice@2030 għandhom l-għan li jgħallqu l-kundizzjonijiet għat-titjib tal-ġustizzja diġitali fl-UE sal-2030. Huwa wkoll importanti li naħsbu lil hinn mill-2030 minħabba li l-QFP li jmiss għandu l-għan li jistabbilixxi t-trajettorja għall-opportunitajiet ta' finanzjament meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. Fuq terminu medju sa twil, l-azzjonijiet u l-fondi għandhom jappoġġaw lill-Istati Membri billi jipprovdu l-għodod u l-infrastruttura biex jiddiġitalizzaw is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom, filwaqt li jippermettulhom jaħsdu l-frott ta' sistemi tal-ġustizzja aktar effiċjenti, inkluż il-benefiċċju li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku.

Dawn l-azzjonijiet se jitwettqu fi djalogu kontinwu u kooperazzjoni vitali mal-Istati Membri, u meta jkun meħtieġ, ma' partijiet ikkonċernati oħra fil-fora rilevanti. Din il-kooperazzjoni se tkun essenzjali. DigitalJustice@2030 tiffoka kważi esklużivament fuq azzjonijiet nonleġiżlattivi, li jistgħu jirnexxu biss jekk ikun hemm kooperazzjoni fit-tul bejn l-Istati

<sup>77</sup> Għandha tiġi ppubblikata sal-2033.

<sup>78</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1183](#) fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali.

Membri u l-Kummissjoni. Is-suċċess ta' din l-istrateġija jserraħ fuq parteċipazzjoni volontarja, attiva u kontinwa mill-Istati Membri.

Permezz tad-diġitalizzazzjoni fuq skala mifruxa, mhux se jkun jimporta aktar fejn jgħixu l-utenti peress li l-Istati Membri se jkollhom sistema tal-ġustizzja diġitali u l-aċċess għall-ġustizzja permezz ta' għodod diġitali se jkun universali. Kull Stat Membru għandu jimmira li jkollu punt ta' dħul uniku li jikkollega l-qrati kollha. Dan għandu jagħmilha possibbli li kulħadd ikun jista' jikkuntattja lill-qrati, jipparteċipa f'udjenzi u jniedi u jkompli għaddej bi proċeduri ġudizzjarji minn kullimkien, fi kwalunkwe mument, u b'hekk inaqqas il-kostijiet tal-ġustizzja.

Bis-saħħa ta' DigitalJustice@2030, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jitgħallmu u jibbenefikaw mill-esperjenza miksuba minn pajjiżi oħra li jiżviluppaw u jużaw l-infrastruttura u l-għodod diġitali. Minflok ma kull Stat Membru jiżviluppa individwalment l-għodod tal-IT għall-użu fis-sistema tal-ġustizzja tiegħu, kull Stat Membru se jkun jista' jagħżel l-għodod li diġà jkunu wrew xi jsarrfu, fit-tweġġ ta' kompiti komuni għas-sistemi tal-ġustizzja kollha.

Għandu jkun hemm promozzjoni tal-użu tal-għodod tal-IA fis-sistemi tal-ġustizzja sabiex jinkiseb titjib fl-effiċjenza, filwaqt li jgħinu fit-tnaqqis tal-backlogs tal-kawżi fil-qrati u tittaffa l-pressjoni fuq il-baġits tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.

Sal-2030, għandu jkun hemm aċċess online ffaċilitat għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza kollha. Il-kumpaniji tat-teknoloġija legali wkoll għandu jkollhom aċċess iffaċilitat għal biżżejjed data ġudizzjarja, li hija kruċjali għall-iżvilupp u t-taħriġ tal-għodod tal-IA adattati għall-użu fis-sistemi tal-ġustizzja.

Il-monitoraġġ tas-suċċess ta' DigitalJustice@2030 se jsir prinċipalment permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja annwali tal-UE, li tinkludi kapitolu apposta dwar id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali.